# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 196/14/1 MH**

**Power Point Trading Limited (C-37789)**

**v.**

**Charles Gauci u Prince Properties Limited (C-10368)**

1. Din hi deċiżjoni tal-Qorti wara digriet kamerali tas-7 ta' Diċembru 2023 fejn il-Qorti qajmet il-preġudizzjali, jekk l-appell tas-soċjetà konvenuta wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Novembru 2021 kienx wieħed validu billi rriżulta li l-kumpanija attriċi appellata kienet ġiet *struck off* mir-reġistratur tal-kumpaniji.

2. Jirriżulta bħala fatt illi fil-5 ta' Novembru 2021 ingħatat sentenza mill-Ewwel Qorti fil-kawża fl-ismijiet premessi fejn il-konvenut Charles

Gauci ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju filwaqt li ntlaqgħu b'mod limitat it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

3. Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-konfront tas-soċjetà attriċi biss.

4. Jirriżulta illi l-kumpaniija attriċi ġiet '*struck off*' jew aħjar imneħħija mir-reġistru tal-kumpaniji b'effett mit-2 ta' Lulju 2020 u kwindi kienet naqset għal kollox u ma kellha ebda leġittimitazzjoni attiva fil-proċeduri, anqas quddiem l-Ewwel Qorti fiż-żmien li ngħatat is-sentenza fil-5 ta' Novembru 2021. Għal finijiet u effetti tal-liġi l-kumpanija attriċi kienet mejta u ineżistenti.

5. Il-preġudizzjali li qajmet il-Qorti jekk l-appell tas-soċjetà konvenuta jiswiex għal fini tal-Artikolu 782(1) u dan minkejja illi daħlet risposta għall-appell fit-30 ta' Jannar 2023 da parti ta' Joseph Mizzi għal kull interess li għandu fl-istess soċjetà attriċi u f'isem l-istess soċjetà.

6. Jibda biex jingħad li sa fejn ir-risposta ta' Joseph Mizzi ma tagħmilx stat f'dan l-appell, il-Qorti tqis illi din ir-risposta ma għandha ebda validità legali billi ġiet preżentata minn persuna li għalkemm ġiet sottomessa li qed tirrapreżenta lis-soċjetà attriċi, illum ma tistax tirrapreżenta kumpanija mejta u ineżistenti, u jekk ir-risposta ġiet preżentata għall-

interess personali li għandu, tali vesti hi wkoll irritwali billi qatt ma kienet parti fil-proċeduri u dan mhux appell tat-terz interessat.

7. Id-difensur tal-appellant fis-sottomissjonijiet orali tiegħu quddiem il-Qorti ssottometta illi l-fatt waħdu li s-soċjetà attriċi ġiet '*struck off*' jew maqtula ma jfissirx li hu tilef id-dritt ta' appell. Jgħid li fl-ewwel lok il-liġi tal-kumpaniji tipprospetta terminu ta' ħames snin minn meta kumpanija titneħħa mir-reġistru tal-kumpaniji biex taħt ċertu kundizzjonijiet tiġi ravvivata wara talba tal-Qorti. Dan ifisser li jekk l-appellant jitlef kull dritt ta' appell li għandu quddiem il-Qorti f'dan l-istadju, jista' jagħti l-każ li s-soċjetà attriċi tiġi ravvivata *entro* l-imsemmi terminu fejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti jkollha effett kontra s-soċjetà appellanti li tkun tilfet id-dritt tal-appell. Issottometta li s-soluzzjoni għandha tkun ta' sospensjoni tal-appell sakemm jgħaddu l-ħames snin mid-data li fiha s-soċjetà attriċi appellata ġiet imneħħija mir-reġistru tal-kumpaniji.

8. Din il-Qorti ma taqbilx. Jibqa' li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ngħatat meta s-soċjetà attriċi ma kellhiex leġitimazzjoni attiva biex tkompli tmexxi l-quddiem il-pretensjoni tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata. L-Artikolu 4(4) tal-Kap.386 fil-fatt jgħid li soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta mill-membri tagħha li tibqa' sseħħ sakemm l-isem tagħha ma jiġix imħassar mir-reġistru tal-kumpaniji u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti. Dan ma jistax ħlief iwassal għat-tħassir

tas-sentenza billi ma tistax tingħata sentenza bla attur bil-konsegwenza li l-appell effett mill-istess għelt li hu wkoll null u bla effett. Il-fatt li hemm proċedura maħsuba fl-Artikolu 325(4) biex soċjetà tiġi ravvivata mill-istat ta' ineżistenza attwali, tali proċedura li tista' tinbeda minn membru jew kreditur tal-kumpanija jew persuna li jkollha interess u tħossha aggravata bit-tneħħija tal-isem tal-kumpanija mir-reġistru tal-kumpaniji ma ġietx użata mill-2020 'l hawn biex jiġu salvati l-proċeduri, la l-azzjonisti tas-soċjetà attriċi u anqas terz interessat bħas-soċjetà konvenuta ma ressqu talba f'dan is-sens. Kienet biss din il-proċedura li setgħet salvat l-atti fl-istadju quddiem l-Ewwel Qorti u f'dan l-istadju tal-proċeduri. Id-difensuri tal-partijiet ma għamlux hekk anzi sostnew verbalment quddiem din il-Qorti li l-proċeduri għandhom jiġu sospiżi sakemm jgħaddi definitivament il-perjodu ta' ħames snin minn meta ġiet imneħħija mir-reġistru tal-kumpaniji s-soċjetà attriċi, żmien perentorju li fih tista' tintalab ir-ravvivar tal-kumpanija *ex tunc.* Din il-Qorti ma tistax tqis l-ipotetiku imma l-istat attwali tal-proċeduri li fihom hemm ostaklu għall-appell minħabba n-natura tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Lanqas hu ta' fejda li l-attiv tal-kumpanija li isimha tneħħa mir-reġistru tal-kumpaniji jaqa' f'idejn il-Gvern. Jista' jkun li l-attiv jaqa' jew waqa' f'idejn il-Gvern però fl-ewwel lok il-Gvern ma assumiex l-atti f'dawn il-proċeduri flok is-soċjetà attriċi, u fit-tieni lok il-fatt li l-attiv imur f'idejn il-Gvern ma jfissirx li daħal fiż-żarbun tas-soċjetà attriċi għal kull fini u interess tal-liġi.

9. Għalhekk il-Qorti, filwaqt li tqis u tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza tal-Ewwel Qorti, tiddikjara b'konsegwenza null l-appell tas-soċjetà konvenuta Prince Properties Limited, bl-ispejjeż tal-appell fiċ-ċirkostanżi jkunu a karigu tas-soċjetà appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da